Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

27 **ta' Mejju 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 27 ta' Mejju fil- 5:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 30 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **30.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **30.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 30.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 29 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar.. |
| **30.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 30.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għal Jum l-Isla saret laqgħa ma tfal tal-iskola fuq il-lokalita mas-Sindku , L-arċipriet u l-Kap tal-Iskola . Il-kunsill ikollabora mal-iskola sabiex jinxtara frott għall din l-attivita' fl-iskola dwar diskussjoni fuq saħħa. |
| 30.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mas-sur David Bugeja Kaptan tal-Port ,mas-Sur Ruben Paul Borg, mal-Perit Janice Borg mill-Head Maritime Unite Infrastructure Malta dwar studju tal konkos fil-baħar din ser idum madwar tlett snin bejn wieħed u ieħor. |
| 30.03.03 | Is- Sindku irċieva imejl mil-kumitat tal-ECO SKOLA l-Isla ħabba siġar li saru fejn l-iskola u triq is-Sur biex isir il-ħadid minħabba l-ħamrija u l-ħmieg tan-nies. Is-Sindku flimkien mas-segretarju Eżekuttiv u Anna Spiteri iddiskutew li jitpoġġa mulching fuq il-ħamrija biex dan iservi ta' protezzjoni għas-siġar, iżda waħda li hemm fil-kantuniera ser nagħmlu il-gradilja tal-ħadid. Il-Kunsill ser jaħseb ukoll biex jipprintja posters li għamlu t-tfal biex kulħadd jibża għall-ambjent. |
| 30.03.04 | Is-Sindku id-diskuta mal-kunsilliera li l-Kunsill lokali ħa sehem fil-*Light up the blue* billi ġie mixgħul blu il-bini tal-kunsill lokali, il-kunsill ser jixgħel ukoll il-binja tal-kunsill bl-aħmar għal Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm bejn it-12 u l-14 ta' Ġunju. |
| 30.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar Cir AKL 2021/037 Group Life Policy għall- Membri Eletti. Il-Kunsilliera qablu ma din il-polza. |
| 30.03.06 | Saret Laqgha flimkien mal-Għaqda Sajjieda u Barklori dwar ix-xatt minħabba l-opri tal-baħar flimkien mas-surġent tal-pulizija biex mil-ewwel ta' Ġunju kulħadd irid ineħħi l-opra tal-baħar min fuq il-bankina |

| | |
|---|---|
| | fejn kienet isir it-tombla sa quddiem l-enchante. Apparti min hekk ser jibgħatu ittra lil kull membru tal-għaqda |
| 30.03.07 | Is-Sindku ser jibgħat lil Transport Malta dwar linji sofor fi Triq il-Vitorja biex jitneħħa *double yellow line* li hemm minn quddiem il-pharmacy sal-mużew. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Is-Sindku informa wkoll lil kunsilliera li sar is-servizz tal-meter ġdid tal-ilma fil-pjazza Andrea Debono ħabba tisqija tal-pjanti. Il-kunsilliera staqsew jekk dan kienx spejjeż għall-kuntrattur iżda is-segretarju eżekuttiv wieġbet li le għaliex il-kuntratt huwa għall-sena biss u dan il-meter ser jibqa għal-dejjem tal-kunsill. |
| 30.03.08 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar rapport li sar ta' karozzi bla liċenzja fi Triq l-arkati mil-pulizija. Is-Sindku kellu laqgħa mal-ministru Byron Camilleri dwar il-lokalita tal-Isla u l-pulizija tal-lokalita' sabiex ikun hawn is-servizz tal-Community Officer fil-lokal. |
| 30.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa ma Glenn Bedingfield bħala l-persuna responsabli mil-kottonera u preżentalu ktieb bl-isem 4 ta' Settembru 1921. |
| 30.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li r-rapport dwar il-periklu li hemm fi triq San Pietru u San Pawl, is-sindku ressaq l-imejls li kellu rigward dan il-każ. L-ispettur ser jieħu ħsieb imexxi l-affarijiet għal Qorti. |
| 30.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mas-Sinj. Kimberly Bondin u s-Sur Ludwig Xuereb ħabba tender tal-vann. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-proċess kollu ta' fejn wasal dan ix-xiri tal-vann. Il-Kumpanija Autosales qed tistenna li jinġieb dan il-vann minbarra. |
| 30.03.12 | Is-Sindku kellu talba biex isiru tabelli madwar ix-xatt minħabba sewqan eċċessiv u biex jitneħħew t-tableli li iċċaraw u jsiru ġodda. Il-Kunsilliera qablu ma dan l-akkwist ta' tabelli. |
| 30.03.13 | Is-Sindku talab kwotazzjoni minħabba ħsara li saret fl-art fejn kien qiegħed isir xi xogħol qabel il-grawnd tal-ponta. Is-Segretarju Eżekuttiv qed tkellem permezz ta' imejls lil min kellu l-permess sabiex jirranġa l-ħsara fil-każ isir rapport mal-pulizija. |
| 30.03.14 | Is- Is-Sindku kellu laqgħa mas-sur Ramon Deguara dwar ix-xatt tal-Isla biex jibda isir aktar knis fiż-żona tax-xatt mil-ħaddiema tal-Cleansing. Is-Sur Deguara offra aktar bins mis-suwed u bins għal-loqom tas-sigaretti għax xatt. |

| | |
|---|---|
| 30.03.15 | Saret talba lis-sindku biex fejn il-knsija ta' San Ġiljan isiru Rubber Poles minħabba karrozzi fuq il-bankina , apparti minn hekk ċertu vetturi ma jistux jagħdu komdi habba dawn il-vetturi. Il-Kunsill qabel biex isiru poles. Ser isiru ukoll poles tar-rubber fit-Triq iż-Żewġ Mini ma Triq il-Miġja tal-Papa. Saret talba wkoll biex isir rubber bollard fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Fillipu minnħabba in-nies għaliex mhux qiegħed ikun hemm aċċess għal knisja. Saret talba oħra sabiex jitneħħa l-ħmieġ minn fejn hemm il-bank tal-knsija ta' San Fillippu. |
| 30.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar in-niċċa tal-Porto Salvu li ser jerġa jsir meeting fil-post mal-perit tal-kunsill u s-Sur Kenneth Cauchi sabiex jaraw x'jista jsir aħjar min dak li sar fuq in-niċċa. Is-Sindku talab li għal issa mhux ser isir ħlas lil-kuntrattur qabel ix-xogħol ikun kif suppost.<br>. |
| 30.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat risposta biex fil-lokalita isiru Reverse Vending Machine li kienet CIR AKL/2021/042. |
| 30.03.18 | Is-Sindku preżenta skeċċ tas-sur Paul Bonello li ser isir fil-liberija tal-kunsill biex tkun aktar attrajenti għat-tfal. Din l-iskeċċ ġiet approvata mill-kunsilliera preżenti. |
| 30.03.19 | Is-Sindku bagħat ittra lill lis-spettur Clayton Camilleri fejn il-kunsill lokali ikun jista jgħin biex isir food bank għal nies li huma fil-bżonn fil-lokalita flimkien mal-parrocca u l-pulizija ta' Bormla. |
| 30.03.19 | Sindku kellu laqgħa mal-GHRC biex isiru tabelli ġodda fil-lokalita kif diġa saru fil-Belt u l-Furjana , fadal l-aħħar ftit xogħol biex dawn jitlestu u jeħlu madwar il-lokalita tal-belt tal-Isla. Is-Sindku tkellem mal-GHRC dwar id-dwal ta' matul ix-xatt u l-fustuni iżda qed jiġi diskuss dwar il-ħlasijiet tal-kontijiet tal-konsum tad-dawl u l-kont tal-bozzoz. |
| 30.03.20 | Sindku kellu laqgħa ma persuna li lest iħallas ħames bins għal-ħmieġ tal-klieb madwar il-lokalita. Dawn ser jeħlu kif isir l-ordni ta' dawn il-bins. |
| 30.03.21 | Is-Sindku informa lil kunilliera li, il-bye law tal-ħamiem qegħdin nistennew mingħand id-dipartiment.<br><br>Infurmhom ukoll li l-Era bagħtet ittra biex fil-loklita jkun hawn skips , pero l-kunsill mhux jaqbel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lis- sinjura Janice Azzopardi dwar dan is-suġġet. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku bagħat imejl lil ERA u lil Enemalta ħabba l-ilmenti li daħlu l-kunsill rigward is-siġar tax-xatt u l-wajers tad-dawl. Is-sur Vella minn naħa tal-enemalta ser jieħu ħsieb jara x'hemm eżatt. |
| 30.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-telefonati tal-uffiċċini tal-Kunsill Lokali issa għandhom is-sistema tat- telefonija irrekordjata minħabba thedid . |
| 30.03.23 | Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera Corinne Buhagiar tkompla it-tqassim tal-ktieb li sar f' Jum l-Isla bl-isem 4 ta' settembru. |
| 30.03.24 | Is-Sindku informa li l-Kunsill applika għal skema tal-LESA u qiegħed jistenna risposta tal-proġett. Fil-kunsill lokali waslu lura iċ-ċirkolari 04/2021 mingħand ir-residenti ta' Triq Sant Anġlu biex din tkun magħluqha u isir bil-pavimentar.<br><br>Sindku bagħat imejll lil Ministru l-Onor. Ian Borg dwar parkeġġ tar-residenti , ser ikun qiegħed jistenna risposta għal meeting ieħor ħabba l-awtorita dwar dan is-suġett. Fil- laqgħa ġie diskuss li qiegħed ikun hemm problemi wkoll ħabba l ferrey li n-nies jiġu bil-karrozza tagħhom l-Isla u jmorru l-Belt Valletta. |
| 30.03.25 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar ilment li daħħal il-kunsill minħabba l-bankina li hemm imkissra fi Triq San Mikiel, is-sindku tkellem li ser jitlob għall- kwotazzjoni biex isir din il-bankina qabel iweġġa xi ħadd. |
| 30.03.26 | Is-Sindku infurma li skond is-Sur Noel Vella *head of implementation of insfrstructure Malta* informa lil kunsill li fl-aħħar ta' Mejju tibda triq San Ġiljan. |
| 30.03.27 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar railing tax-xatt u l-madum tax-xatt. Dawn l-ispejjeż ma jaqgħux taħt il-fondi tal-kunsill lokali iżda tal-gvern. Il-Kunsill issuġġerixa li dan ma jsirx ta' l-alluminium iżda tal-ħadid. Is-Sindku huwa infurmat li l-madum tax-xatt huwa ordnat iżda għadu ma wasalx. |
| 30.03.28 | Is-Sindku ressaq is-suġġeriment tal-pulizija sabiex il-garaxxijiet li hemm fix-xatt jagħmlu katina quddiem il-bieb tal-garaxx minħabba karrozzi li jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet u ma jkunx jemm aċċess pedonali. Din ser jieħdu ħsieba l-pulizija. |
| 30.03.29 | Is-Sindku ressaq il-proposti għall- monument tal-Gran Mastru La Sengle. Il-Kwotazzjoni ta dawn iż-żewġ proposti huma ta' madwar |

| | |
|---|---|
| | €65,000. Is-Sindku qed jiprova biex iġġib donazzjonijiet għal dan il-bust. |
| 30.03.30 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet. Il-Kunsill m'għandux il-poter li joħroġġ permessi għall-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa jew stqarrija sabiex jinforma lil kulħadd li l-kunsill m'għandux is-setgħa li joħroġ il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku qara l-imejl tas-Sur Claudio Debarro li ser jieħu ir-restaurant tas-Senglea Gunners sabiex jagħmlu l-imwejjed fejn hemm il-bust ta' J.B. Azopardo. Il-Kunsilliera ma qablux li jagħtu dan il-permess kemm li l-ewwel punt il-kunsill ma jistax joħroġ permess tal-imwejjed u siġġijiet u t-tieni punt hu li l-kunsill ta' qabel kellu talba minn l-istess għaqda u dan il-kunsill ta' qabel ma kinux qablu li jagħtu tali permess. Senglea Gunners kienu applikaw għall permess u l-awtorita ma tathomx permess. Is-Sinkdu informa lil kunsilliera, li t-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021, il-pulizija ser tibgħat għas-sidien tal-ħwienet sabiex iżommu l-ordni fix-xatt, kemm minħabba umbrelel, mwejjed u siġġijiet żejda li hemm u sabiex iħallu passaġġ minn fejn jgħaddu r-residenti u jħallu spazju quddiem il-bankijiet tax-xatt fejn wieħed jista joqgħod bilqegħda fuq bank biex jieħu ftit mistrieħ. |
| **30.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena is-Sinj. Corinne Buhagiar nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jistgħu issiru sinjali sofor doppji fi Triq L-Oratorju ?<br><br>Is-Sindku irripsondha li ser jibgħat lil tat-Transport Malta. |
| **30.5** | **Rapporti** |
| **30.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xahar ta' April 2021 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **30.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rapport ta' l-ewwel kwart lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl. Ir-Rapport Finanzjarju ta' l-ewwel |

| | |
|---|---|
| | kwart ġie approvat mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u il-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. |
| **30.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 30.6.1 | Skeda numru 4 & 5 / 2021 ġew approvat fil-laqgħa li għaddiet laqgħa 29/2021 ta' nhar it-Tnejn . |
| 30.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn mal-minuti tal-laqgħa 29/202. |
| 30.6.3 | Is-Segretarju Eżekuttivi bagħtet imejl lil-kunsilliera preżenti ir-rapporti tal-Purchase Orders u tal-Petty Cash għax-xahar t' April u Mejju 2021. Il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u l-kunsilliera is-sinj. Corinne Buhagiaar approvaw dawn ir-rapporti. |
| **30.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 30.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021 fis-6:00p.m |

Konfermati, illum 22 ta' Ġunju 2021

IFFIRMATA______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA__________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv